VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 292 tal-2015

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, is-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar i1-Professjonijiet tas-Saħħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Ħames Skeda". Kap. 464.

Jemenda il-Ħames Skeda

2. Il-partita "Tobba" li tinsab fit-Taqsima A tal-Ħames Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) l-ispeċjalità "1. Mediċina tal-Aċċidenti u l-Emerġenza" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"1. Mediċina tal-Emerġenza" ; u

(b) taħt l-ispeċjalità "38. Pedjatrija", għandhom jiżdiedu s-sub-speċjalitajiet pedjatriċi li ġejjin:

"i. *Paediatric Cardiology*

ii. *Paediatric Respiratory Medicine*

iii. *Paediatric Endocrinology and Diabetes*

iv. *Paediatric Gastroenterology, Hepatology and Nutrition*

v. *Paediatric Nephrology*

vi. *Paediatric Oncology*

vii. *Paediatric Neurology*

viii. *Paediatric Infectious Disease*

ix. *Community Paediatrics*".